MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 16/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Ottubru, 2009 għall-ħabta tal-11.20 a.m. fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa

1. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 853 F. Sciberras persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu;

2. ipparkja l-imsemmija vettura numru HAS 801 f’post ipprojbit u cioe` ipparkja fuq “Bus Stop” li hemm fl-imsemmija triq;

3. fil-21 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tal-11.20 a.m. u fl-10 ta' Novembru, 2009 għall-ħabta tat-8.45 a.m. fl-imsemmija triq u post saq jew kellu fil-kontroll tiegħu l-imsemmija vettura numru HAS 801 meta kien sospiż mil-liċenzja tas-sewqan u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Marzu 2009 (Magt. Dr. D. Clarke LL.D);

4. saq l-istess vettura numru HAS 801 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta;

5. sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Marzu, 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 u r-regolament 79 (a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, sabet lill-appellant ħati mill-ewwel sar-raba` akkuzi u kkundannatu ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni akkużi **ammenda ta' mitt Ewro (€100)** u għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba` akkużi, piena ta' **priġunerija ta' tliet (3) xhur** waqt li illiberatu mill-ħames akkuża.

Il-Qorti ukoll a tenur ta' l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 **skwalifikat** lill-appellant għal **żmien xahar** milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li kien gie lliberat mill-ħames akkuża iżda tilliberah mill-akkużi l-oħra u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi mingħajr pregudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa u gusta.

Ikkonsidrat

Li l-Avukat Ġenerali fis-seduta tad-19 t'April 2012 eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li l-fatti fil-qosor ma jkoprux żgur l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Għalhekk il-Qorti eżaminat kif l-appellant ippreżenta l-fatti fil-qosor fir-rikors tal-appell. Huwa qal dan li ġej:

*<u>'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'</u>*

Fil-fehma tal-Qorti din is-sentenza żgur mhix biżżejjed biex tkopri l-imputazzjoni dwar in-nuqqas ta' obbidjenza lejn l-odrni mogħtija mill-PS 853 F.Sciberras u li kien ipparkjat f'post ipprojbit (l-ewwel żewġ imputazzjonijiet). Mill-affidavit ta' PS 853 F.Sciberras jirriżulta li l-Pulizija stess innutaw il-karrozza pparkjata ħażin. Barra dan il-Pulziija qalulu biex ma jsuqx iżda l-appellant xorta daħal fil-karozza, għamel u-turn, u saq fid-direzzjoni ta' Ħal-Far. Għalhekk it-tlettax-il kelma użati biex jiddeskrivu l-fatti mhumiex biżżejjed beix jissodisfaw l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9. Isegwi li l-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali li r-rikors tal-appell huwa rrit u null.

Biss il-Qorti xorta eżaminat dak li kien xehed Brian Farrugia li l-liċenzja tas-sewqan tal-appellant kienet

revokata f'Awwissu 2000[1] u l-affidavit hawn fuq imsemmi. Dawn ma jħallu ebda dubju li l-ewwel erba' imputazzjonijiet kienu ppruvati.

Il-Qorti eżaminat ukoll iż-żewġ pieni inflitti u l-iskwalifika mis-sewqan imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ma qed tara xejn x'tiċċensura fihom.

Għalhekk m'hemm ebda bażi għaż-żewġ aggravji tal-appellant.

**Konklużjoni**

Il-Qorti qed tiddeċiedi li tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali billi tiddikjara dan ir-rikors tal-appell bħala irrit u null. Konsegwentement qed tkun ikkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mogħtija fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Diċembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, id-difiża eżentat lil dan l-uffiċjal li jerġa' jixhed mill-ġdid. Barra minn dan l-appellant għażel li ma jixhidx quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.